MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Numru 411/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melcomn Spiteri)**

**vs**

**Omar Pisani**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Omar Pisani** ta’ 22 sena, bin Emanuel u Grace *nee’* Camilleri, mwieled Pieta’ nhar it-08 ta’ Frar, 1982, u residenti Flat 4, Blokk 3, Triq Betta, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 125882(M);

Talli fix-xhur ta’ qabel it-3 ta’ Novembru, 2004, iffalsifikajt cedoli, poloz, ordnijiet jew dokumenti ohram li meta jigu pprezentati wiehed jista jircievi bihom flus, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti jew jigbor depoziti jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew minn stabbiliment pubbliku jew imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern ghad-dannu ta’ Joe Manicaro minn Hal Tarxien, Edwina Zammit Drago minn St. Lucija u ghal John Cuschieri minn Hal Tarxien u dan bi ksur tal-artikoli 167 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll fl-istess dati, hinijiet, postijiet u cirkostanzi, xjentement ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza ffalsifikata f’att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi, jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zzid jew tbiddel klawsoli, jkollhom jew kellhom jippruvaw u dan bi ksur tal-artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll fl-istess dati, hinijiet, postijiet u cirkostanzi b’mezzi kontra l-ligi nqdejt b’qerq iehor, ingann jew urejt xi haga ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ kreditu mmaginarju sabiex ghamilt qliegh bi hsara ta’ haddiehor ghad-dannu ta’ Joe Manicaro minn Hal Tarxien u Edwina Zammit Drago minn St. Lucija u John Cuschieri minn Hal Tarxien, liema ammot jaccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100) izda ma jaccediex l-elf lira Maltin (Lm1000) u dan bi ksur tal-artikolu 308 u 310 (1) (b) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti umilment mitluba li barra li tinfliggi l-piena marbuta ma’ dawn ir-reati tordna lill-imputata thallas l-ispejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja u n-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kawza fejn l-akkuza tirrizulta pruvata bl-ammissjoni tal-imputa;

Rat l-artikoli 167 (1), 184, 308 u 310 (1) (b);

Tikkundannah ghal treminu ta' prigunerija ta' sena (1) mil-lum, liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat iehor punnibli bi prigunerija fi zmien sentejn (2) mil-lum ai termini tal-art 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------